MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 2000/1998/1

**Avukat Dottor Sandra Sladden ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone Malta Limited gia Telecell Limited u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2006 il-Gudizzju gie trasfuz f'isem is-socjeta Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sitt liri Maltin u sitta u erbghin centezmi (Lm306.46) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-24 ta' Jannar 1995

sas-27 ta’ Marzu 1998 u b’digriet tal-24 ta’ Novembru 2004 il-kliem mill-24 ta’ Jannar 1995 sas-27 ta’ Marzu 1998 qed jigu sostitwiti bil-kliem Awissu 1994 sat-23 ta’ Jannar 1995.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali mill-24 ta’ Jannar 1995.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fl-24 ta’ Novembru 2004 (fol 57 tal-atti) u li bih il-kliem, fl-avviz in ezami, “mill-24 ta’ Jannar 1995 sas-27 ta’ Marzu 1998 gew mibdula ghal “minn Awissu 1994 sat-23 ta’ Jannar 1995”.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 12 tal-atti) u li biha eccepixxa bil-qima:-

Illi l-ammont mitlub fl-avviz, kif ridott, ma huwiex dovut mill-konvenut u dana stante illi huwa kien biegh l-apparat tat-telefon lil certu Charlo Gauci.

Illi ghaldaqstant ghandu jigi kjamat fil-kawza l-istess Charlo Gauci peress illi huwa responsabbli ghad-dejn mertu tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet ulterjuri (fol 62 ibid) u li biha giet sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni u dana a tenur ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat kif ukoll in-nota spjegattiva tal-istess konvenut in konnessjoni ma’ din l-eccezzjoni (fol 68 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 74 ibid.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbal a fol 74 tal-atti u li jirreferi ghal dak li sar fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2006, il-partijiet kienu qablu illi tinghata sentenza wahda kemm fuq l-eccezzjoni preliminari ulterjuri kemm fuq il-meritu ta' din il-kawza. Konsegwentement, il-Qorti l-ewwel ser tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari u sussegwentement, skond l-esitu, il-meritu tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun illi ssir referenza fil-bidu nett, ghax-xhieda ta' Sharon Calleja (fol 29 u fol 33 et seq ibid) prodotta mis-socjeta' attrici. Din, meta xehdet fil-5 ta' Novembru 2002, bdiet billi tikkonferma illi a fol 27 jinsab il-ftehim, iffirmat mill-partijiet involuti f'dan il-kaz fil-21 ta' Frar 1994 u li permezz tieghu l-konvenut inghata access ghall-uzu ta' telefon cellulari u l-"airtime" relattiva, Ix-xhud semmiet illi l-konvenut kien ghamel talba, matul Dicembru 1994 izda b'effett minn Jannar, 1995 sabiex l-istess servizz jigi mwaqqaf ("disconnection request"). (ara id-dokument a fol 35 ibid). Inoltre l-ammont dovut ghall-istess servizz ma kienx dak specifikat fl-avviz izda Lm221.52 u dan minhabba aggustament li kien sar minhabba "xi credit" favur il-konvenut. Inoltre il-kont in kwistjoni kien jkopri, mhux il-perjodu specifikat fl-avviz izda dak bejn Awissu u Dicembru 1994. Minhabba dan, kienet saret korrezzjoni fl-istess avviz permezz tad-digriet di gja citat moghti fl-24 ta' Novembru 2004. Kien hawnhekk li giet proposta l-eccezzjoni ulterjuri in esami kif spjegata fin-nota a fol 68 tal-atti fejn jinghad illi l-perjodu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjern li skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili hu ta' hames snin, beda jiddekorri mit-23 ta' Jannar 1995 sal-jum tad-digriet li ghadu kemm ssemma cjoe l-24 ta' Novembru 2004.

Illi in rigward din l-eccezzjoni gew konsiderati is-segwenti:-

a) L-avviz in esami, qabel ma gie korrett u 'ridott' fl-ammont kif risultanti mix-xhieda moghtija minn Sharon Calleja (ara "supra") kien gie intavolat u presentat minghajr ma kien precedut b'ittra ufficjali jew protest, fl-20

ta' Ottubru 1998 waqt li gie notifikat lill-konvenut fl-24 jew fid-29 ta' Settembru 1998 (ara fol 3 'a tergo').

b) Il-konvenut jikkontendi, pero', illi t-trapass tal-perijodu ta' preskrizzjoni kien gie interrot mhux meta gie presentat u notifikat l-istess avviz, izda meta giet dekretata u awtorizzata l-korrezzjoni imsemmija cioe fl-24 ta' Novembru 2004;

c) Din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tesi tal-konvenut. Difatti Hi tal-fehma u tal-opinjoni illi t-trapass tal-perjodu tal-preskrizzjoni in esami kien gie interrott permezz tal-avviz, kif propost originarjament. Dwar dan, l-istess Qorti tara li ghandha ticcita l-artikolu 2128 u 2129 tal-Kodici Civili. Difatti hawn jinghad illi l-preskrizzjoni tinkiser b'kull att gudizzjarju presentat mill-kreditur u notifikat lid-dibitur mill-liema att jidher car, illi l-istess kreditur hu intenzjonat li jzomm il-jedd tieghu. Inoltre l-istess preskrizzjoni tinkiser u hi interrotta allavolja t-talba tkun nulla minhabba xi difett fil-forma jew ikun giet proposta quddiem Qorti li ma tkunx kompetenti. Dan li ghadu kemm intqal jista' jigi abbinat ma dak li jghid l-artikolu 2131(1) tal-istess Kodici. Difatti hawn hemm spcifikat li l-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhallikieku ma sarx, f'kaz li l-attur jirrinunzja ghall-istess talba jew jekk il-kawza tibqa' dezerta jew jekk l-istess talba tigi michuda minghajr ma isemmi, kaz fejn it-talba giet korretta bhal f'dan il-kaz.

d) Ghandu jissemma ukoll illi s-socjeta attrici esebiet, in fotokopja, zewg ittri (fol 71 u fol 72 ibid) indirizati lill-Avukat difensur tal-istess socjeta u li jgibu d-data tat-8 ta' April 1999 u tas-7 ta' Lulju 1999. Hu minnu li dawn l-ittri kienu intbaghtu, f'isem il-konvenut fil-mori ta' din il-Qorti izda qabel ma giet intavolata l-eccezzjoni in esami. Pero xorta wahda, l-Qorti innotat illi fiz-zewg ittri qed jintalab, dejjem f'isem il-konvenut "…kemm huwa l-ammont issa dovut ……." u "Nitolbok tibghatli l-ammont ezatt illi ghandu jaghti Joseph Muscat". Dawn l-ittri ghandhom jigu kunsiderati flimkien ma dak li jinghad fl-artikolu 2133 tal-istess Kodici.

Illi fid-dawl u fl-isfond ta' dak premess, din il-Qorti ma tistax, takkolji l-eccezzjoni in esami u b'hekk qed tichadha.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-mertu, ma ingiebet ebda prova in kontestazzjoni ta' dak l-ammont li gie indikat fix-xhieda ta' Sharon Calleja (ara "supra").

Illi, dwar dak li jinghad fl-eccezzjonijiet originali kif jidher a fol 12 tal-atti, il-konvenut jikkontendi li hu biegh l-apparat cellulari lil terza persuna, liema persuna ghandha tig kjamata in kawza ghax hi responsabbli "… ghad-dejn mertu tal-kawza".

Illi, pero' dwar dan il-punt ghandu jinghad is-segwenti:-

a) Kif jidher mill-ftehim in atti a fol 27, l-istess ftehim bid-data tal-21 ta' Frar 1994 kien jinvolvi, biss, is-socjeta attrici w il-konvenut.
b) Is-servizz, provdut permezz ta' dan il-ftehim kien gie terminat, fuq talba tal-konvenut stess, matul Dicembru 1994. liema terminazzjoni bdiet issehh almenu matul Jannar 1995. Effettivament is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ghas-servizz provdut minnha waqt dan il-perijodu meta l-istess servizz kien qed jinghata lill-konvenut u mhux lil terza persuna skond kif qed jallega l-konvenut kemm fl-eccezzjonijiet tieghu fuq il-meritu kemm waqt ix-xhieda tieghu waqt dawn il-proceduri (ara fol 52 et se ibid). Dwar dan jkun u sufficjenti hi ssir referenza ghal dak li xehdet Sharon Calleja a fol 30 fit-tieni u t-tielet paragrafu kif ukoll ghar-'request form' u ghal 'disconnection" tas-servizz' gja msemmija u hi annessa a fol 35 ibid u li ggib id-data tat-23 ta' Jannar 2005. Ghalhekk avolja jidher li certu Carmel ossija Charlo Gauci kien zamm il-linja li kienet disponibbli lill-istess konvenut, dan jidher li kien sar wara din id-data. Bhala konsegwenza, fil-kaz in desamina ma jidhirx li jezistu c-cirkostanzi sabiex Carmel ossija Charlo Gauci jigi kjamat f'din il-kawza peress li ma irrisultax in-ness kontrattwali kemm fuq basi ta' fatt kemm fuq basi legali bejn is-socjeta attrici u l-imsemmija terza persuna f'dak li jirrigwarda l-ammont finalment pretiz mis-socjeta attrici.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, dak li eccepixxa l-konvenut fuq il-meritu ghadnu jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ “in parte”, t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm221.52,0 bl-imghax legali mill-24 ta’ Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv waqt li l-ispejjes fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------